

# SAN NIKOLA TA' BARI

**L-Aħħar Ħadd ta' Ġunju**

Il-vara titulari hija xogħol l-iskultur Qormi Pietru Feliċi. Din il-vara ta' l-injam kienet saret fl-1736. Ta' min jgħid li l-pedistall ta' din il-vara kien għamlu l-iskultur Ġużeppi Fabri. Il-bradella hi tal-kewba mastizz maħduma mill-imgħallem Nikola Buhagiar. L-iskultura fil-bronż hi xogħol ta' Ċensu Apap. Fil-panewijiet insibu erba' ħsibijiet li jirriflettu l-ħidma u l-qdusija ta' San Nikola. Fil-ġenb tal-bradella hemm tmien qaddisin li kollha għożżew it-tagħlim ġenwin dwar it-Trinità Qaddisa bħalma għamel San Nikola. Il-bradella qamet madwar LM16,000.

# SAN ĠUŻEPP



**L-Ewwel/It-Tieni Ħadd fuq Korpus**

Fl-1884, il-Kappillan Dun Ġużepp Barbara ġab vara sabiħa minn Franza, li din għadha tintuża sa llum, biex tieħu post vara oħra żgħira ta' San Ġużepp. Din ta' l-aħħar ġiet mogħtija lill-knisja ta' Loretu, il-Gudja. Il-vara preżenti hija kompożizzjoni ta' kartapesta u ġibs. Fl-1886, twaqqfet f'Ħal Kirkop is-Soċjetà tal-Banda, San Ġużepp.

MQABBA

# MADONNA TAL-ĠILJU



**It-Tielet Ħadd ta' Ġunju**

Il-vara tal-Madonna tal-Ġilju, magħmula mill-kartapesta, inħadmet mill-istatwarju Ġanni Darmanin mill-Belt. Ix-xogħol fuq din il-vara tlesta fis-sena 1876. L-ispejjeż ta' dan ix-xogħol tħallas mill-ġbir li sar b'impenn tas-Sur Innoċenzu Zammit imlaqqam 'in-Naxxari'. Meta Darmanin għamel din il-vara, ħadem ukoll l-anġlu li għandha fuq ix-xellug tagħha bħala ħaġa waħda. Wara xi żmien, u qabel ma ġiet indurata għall-ewwel darba, minħabba ċerti raġunijiet ġie deċiż li l-anġlu jinqala' minn magħha. Waħda mir-raġunijiet kienet li fin-niċċa fejn tinżamm ma kienx hemm spazju biżżejjed. Din il-vara tintrama fuq bradella artistika, disinn u xogħol ta' l-imgħallem Manwel Buhagiar. Fil-knisja, l-anġlu baqa' jitpoġġa mal-vara.

**TARXIEN**

# MADONNA TAD-DUTTRINA



**Erba' Ġimgħat wara l-Festa Titulari**

Din il-festa f'Ħal Tarxien ilha ssir sa mill-1874. Fl-1877 saret din il-vara tal-Madonna tad-Duttrina, xogħol l-imgħallem Ġlormu Darmanin (1834-1879). Hija magħmula mill-kartapesta u turi l-Madonna mdawra bi tlett itfal li juru, prinċep, għani u fqir għax quddiem Alla kulħadd l-istess. Din il-vara qamet għoxrin lira, sitt xelini u tliet soldi li ġew imħallsa f'muniti Sqallin mill-Kappillan Dr. D. Franġisk F. Attard (1876-1921) fl-1877. F'din l-istess sena saret il-purċissjoni għall-ewwel darba. Il-pedistall sar minn Manwel Buhagiar filwaqt li l-bradella hija ddisinjata minn Renzo Gauci, li ħadem ukoll l-iskultura.